

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

11146/23

ECOFIN 671  
UEM 205  
SOC 497  
EMPL 348  
COMPET 692  
ENV 771  
EDUC 284  
RECH 316  
ENER 407  
JAI 917  
GENDER 148  
ANTIDISCRIM 142  
JEUN 186  
SAN 423

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9841/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 616 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Lussemburgu

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 616 final.

## **RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Lussemburgu u li tagħti opinjoni tal-**

**Kunsill**

**dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Lussemburgu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lil-Lussemburgu bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun f'riskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2023 tal-Lussemburgu. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>4</sup> ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

---

<sup>4</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Zero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitoli ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-obiettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

---

<sup>5</sup> Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

- (7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fil-21 ta' April 2021, il-Lussemburgu ppreżenta l-pjan nazzjonali tiegħu għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Lussemburgu<sup>6</sup>. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Lussemburgu jkun laħaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.

---

<sup>6</sup> ST 10155/21 INIT; ST 10155/21 ADD 1.

- (10) Fit-28 ta' April 2023, il-Lussemburgu ppreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu tal-2023 u, fis-27 ta' April 2023, il-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Lussemburgu dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għal-Lussemburgu. Hija vvalutat il-progress tal-Lussemburgu fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħadet kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Lussemburgu. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Lussemburgu fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għal-Lussemburgu u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Lussemburgu mhuwiex qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati mal-prezzijiet għoljin tad-djar u d-dejn għoli tal-unitajiet domestiċi dan l-aħħar żdiedu iżda b'mod ġenerali sa issa jidher li huma kkontrollati u mistennija jonqsu fuq terminu medju. It-tkabbir qawwi fil-popolazzjoni flimkien maż-żieda fil-kreditu ipotekarju, bl-inċentiva tal-appoġġ fiskali, żied id-domanda għall-akkomodazzjoni, filwaqt li l-provvista ġiet ristretta minħabba l-art limitata disponibbli għall-kostruzzjoni u l-ikkapparar tal-artijiet. Id-distakk dejjem jikber bejn id-domanda u l-provvista tal-akkomodazzjoni irriżulta f'żidiet qawwija fil-prezzijiet tad-djar b'riskji dejjem akbar ta' sopravvalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar u deterjorament fl-affordabbiltà. Il-prezzijiet tad-djar naqsu sewwa lejn l-aħħar tal-2022, u l-għadd ta' tranżazzjonijiet fl-akkomodazzjoni naqas drastikament, hekk kif iż-żieda fir-rati tal-imgħax wasslet għal bidla fis-suq. Madankollu, mhijiex mistennija korrezzjoni qawwija fil-prezzijiet tad-djar billi l-introjti żammew flivell tajjeb u minħabba li n-nuqqas ta' provvista huwa mistenni li jkompli. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa għoli ħafna f'termini ta' introjtu disponibbli u qed jiżdied, filwaqt li s-self naqas kemxejn lejn l-aħħar tal-2022. L-assi finanzjarji tal-unitajiet domestiċi huma wkoll sostanzjali, l-unitajiet domestiċi bl-aktar dejn huma dawk bil-livell l-aktar għoli ta' introjtu u ta' ġid, u s-settur bankarju huwa sod, u dan kollu b'mod ġenerali jtaffi r-riskji makrofinanzjarji. L-isforzi ta' politika addizzjonali, bħaż-żieda fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni ta' miżuri reċenti u l-prijoritizzazzjoni tagħhom, inkluż taxxi rikorrenti biex tiżdied il-provvista ta' art li tista' tinbena, flimkien mar-riforma li għaddejja tal-ippjanar tal-użu tal-art, jistgħu jgħinu biex tingħata spinta lill-provvista tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali mmirata lejn dawk l-aktar fil-bżonn. L-effiċjenza tas-suq tal-kiri tista' tittejjeb ukoll. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-deduċibbiltà tal-imgħax ipotekarju, li dan l-aħħar żdied b'mod sinifikanti, inaqqas l-inċentivi fiskali għas-self li jappoġġaw il-prezzijiet għoljin tad-djar.

- (13) Skont data vvalidata mill-Eurostat, is-surplus tal-gvern estiż tal-Lussemburgu naqas minn 0.7 % tal-PDG fl-2021 għal 0.2 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż żdied bi ftit minn 24.5 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 24.6 % fi tmiem l-2022.
- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri li jnaqqsu d-dħul tal-politika fiskali kienu jinkludu tnaqqis fit-taxxi fuq il-prodotti biex jitbaxxew il-prezzijiet tal-konsumatur għall-petrol, id-diżil u ż-żejt għat-tiħin b'7.5 ct kull litru, filwaqt li tali miżuri li jżidu n-nefqa tal-politika fiskali kienu jinkludu l-introduzzjoni ta' kreditu ta' taxxa fuq l-enerġija<sup>7</sup>, għajnuma għall-kumpaniji affettwati miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-limitazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet tal-gass. Il-Kummissjoni tistma l-kost baġitarju net ta' dawn il-miżuri fil-livell ta' 0.5 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż għe affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.2 % tal-PDG fl-2022, minn 1.0 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 l-Lussemburgu<sup>8</sup> jkompli jsegwi pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità, u jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.

---

<sup>7</sup> Il-kreditu tat-taxxa pagabbli jistgħu jaqbu l-obbligazzjoni tat-taxxa u jaffettwaw lil dawk li mhumiex kontribwenti kif ukoll lill-kontribwenti; għalhekk, huma kklassifikati bħala nefqa fil-kontijiet nazzjonali (ESA 2010, l-Artikoli 20.167 u 20.168).

<sup>8</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Lussemburgu (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 73).

(16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali<sup>9</sup> fl-2022 kienet ta' appoġġ, fil-livell ta' -0.9 % tal-PDG, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Lussemburgu kompli jappoġġa l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-ġhotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.1 % tal-PDG fl-2022 (0.1 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprova kontribut newtrali għall-pożizzjoni fiskali<sup>10</sup>. Għalhekk, il-Lussemburgu ppreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) pprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.3 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 0.5 % tal-PDG), kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0.1 % tal-PDG). Fl-istess ħin, is-sussidji, nefqa kurrenti oħra u l-konsum intermedju kkontribwew ukoll (0.3 % tal-PDG) għat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja netta. Għalhekk, il-Lussemburgu ma żammx taħt kontroll biżżejjed it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali kienet dovuta biss parzjalment għall-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna.

---

<sup>9</sup> Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (ġhotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

<sup>10</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali pprovdiet kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.4 punti perċentwali tal-PDG, minħabba tnaqqis fi "Trasferimenti kapitali oħra" prinċipalment relatati mat-tneħħija gradwali tal-appoġġ għan-negozju u tal-assistenza għall-irkupru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (Fond għall-irkupru u s-solidarjetà għan-negozji).

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 huwa aktar favorevoli mit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għall-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'2.4 % fl-2023 u b'3.8 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 1.6 % fl-2023 u ta' 2.4 % fl-2024, prinċipalment minħabba kontribuzzjonijiet ta' tkabbir aktar baxxi mill-esportazzjonijiet netti fl-2023 u d-domanda domestika fl-2024<sup>11</sup>.
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà 2023 tiegħu, il-gvern jistenna li l-bilanċ tal-gvern estiż ser jiddeterjora għal defiċit ta' 1.5 % tal-PDG fl-2023. Id-deterjorament fl-2023 jirrifletti prinċipalment miżuri addizzjonali li jappoġġaw l-introjt tal-unitajiet domestiċi u korporattiv wara l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-inflazzjoni. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 24.6 % fi tmiem l-2022 għal 26.1 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.7 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa kemxejn oġhla mid-defiċit ipprojetat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba dħul kemxejn aktar baxx mit-taxxa, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG ta' 25.9 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta għal tkabbir nominali oġhla tal-PDG fl-2023, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

---

<sup>11</sup> Għall-PDG nominali l-istampa hija kemxejn differenti; il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jipprevedi rati ta' tkabbir nominali tal-PDG ta' 4.7 % fl-2023 u ta' 6.0 % fl-2024, filwaqt li t-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta rata oġhla ta' 7.1 % fl-2023, u rata komparabbli ta' 5.9 % fl-2024.

- (19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari, il-limitazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet tal-gass billi jiġu ssussidjati l-kostijiet tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi u t-tariffi tan-network, l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku permezz ta' sussidji lill-unitajiet domestiċi, u miżuri ta' appoġġ għan-negozji, kif ukoll miżuri ġodda. Il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.1 % tal-PDG fl-2023<sup>12</sup>. Xi miżuri fl-2023 huma mmirati lejn l-aktar unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ma jippreservawx is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022<sup>13</sup>, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.6 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0.4 % tal-PDG fl-2022).
- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Lussemburgu jieħu azzjoni biex fl-2023 jiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali<sup>14</sup>, filwaqt li titqies it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Il-Lussemburgu jenħtieġ li jkun lest li jaġġusta l-infiq attwali f'sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Ġie rrakkomandat lil-Lussemburgu wkoll biex jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li jqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi jagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>12</sup> Dik iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-ispiża baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll, fejn rilevanti, il-miżuri tan-nefqa kapitali.

<sup>13</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Lussemburgu u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Lussemburgu tal-2022 (ĠU C 334, 01.09.2022, p. 128).

<sup>14</sup> Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Lussemburgu, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 7.8 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (-1.5 % tal-PDG), fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja. Din issegni pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-0.9 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonali) fl-2023 huwa pprojettat li ser jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.3 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi ż-żieda fl-ispiża tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.3 % tal-PDG. Il-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja netta ffinanzjata fuq livell nazzjonali hija għalhekk parzjalment dovuta biss għall-appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. It-tkabbir espansjonarju fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) huwa xprunat ukoll minn, fost fatturi oħra, benefiċċji soċjali minbarra dawk in natura, sussidji relatati ma' miżuri tal-enerġija mhux immirati, żidiet permanenti fil-pagi tas-settur pubbliku, kontribuzzjoni ta' darba għall-baġit tal-Unjoni, u t-tnaqqis fir-rati tal-VAT. Fil-qosor, it-tkabbir iprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali mhux konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 0.2 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punt perċentwali. Għalhekk, il-Lussemburgu qed jippjana li jiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u huwa pprojettat li jippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali<sup>15</sup>. Huwa jippjana li jiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħall-elettrifikazzjoni tat-trasport pubbliku, it-tisħiħ tan-network tat-tramm u tal-ferrovija, fond għall-klima u l-enerġija biex jappoġġa l-akkwist ta' pannelli fotovoltajċi, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u s-sigurtà tal-komunikazzjoni diġitali (it-teknoloġija kwantistika), li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>15</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni newtrali għall-PDG.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 1.7 % tal-PDG fl-2024. Iż-żieda fl-2024 tirrifletti prinċipalment l-estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ biex jipproteġu l-introjtu tal-unitajiet domestiċi u korporattivi kontra l-effetti taż-żieda fl-inflazzjoni. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 27.5 % fi tmiem l-2024. Abbażi ta' miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 1.5 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa kemxejn aktar baxx mid-defiċit ipprojetat fil-Programm ta' Stabbiltà 2023, prinċipalment minħabba żieda iżgħar fil-kumpens tal-impjegati u t-trasferimenti soċjali, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 27.0 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jipprevedi l-estensjoni tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija sa tmiem l-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi li l-ispiża netta tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija hija ta' 0.5 % tal-PDG fl-2024<sup>16</sup>, meta mqabbla ma' 1.1 % tal-PDG fl-2023. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Ħafna minnhom ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

---

<sup>16</sup> Id-definizzjoni tal-Kummissjoni ta' miżuri tal-enerġija tinkludi biss miżuri ta' politika fiskali li jaffettwaw direttament il-prezzijiet tal-enerġija jew jipprovdu appoġġ temporanju għall-introjtu għall-konsum tal-enerġija. Il-miżuri ġenerali ta' appoġġ għall-inflazzjoni mhumiex ikklassifikati bħala miżuri tal-enerġija, u dan jispjega differenza fl-ispiża baġitarja stmata tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija bejn il-Programm ta' Stabbiltà 2023 u t-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment<sup>17</sup>. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali<sup>18</sup> fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-4.8 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.1 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment fl-2023, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata għall-2024. Minkejja dan, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa netta kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2023 mhuwiex f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Jekk dan jiġi kkonfermat, ikun xieraq li jkun hemm inqas tkabbir fin-nefqa primarja netta fl-2024.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber għal 2.9 % fl-2024, li hija taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata.

---

<sup>17</sup> L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

<sup>18</sup> In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata nazzjonalment netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax kif ukoll l-infiq ċikliku fuq il-qgħad.

- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, l-investiment tal-gvern huwa mistenni li jibqa' stabbli għal 4.5 % tal-PDG fl-2023 u l-2024. Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jirreferi għal riformi u investimenti, li huma mistennija jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawk ir-riformi u investimenti jinkludu investimenti biex jitrajmu t-tranżizzjonijiet tal-enerġija u dawk diġitali, li huma wkoll parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà 2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2027. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 1.0 % tal-PDG fl-2025, u għal 0.8 % sal-2026, qabel jiżdied bi ftit għal 0.9 % fl-2027. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż hu ppjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG matul il-perjodu tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 27.5 % fi tmiem l-2024 għal 29.0 % sa tmiem l-2027.

(28) L-impatt tax-xejriet demografiċi fuq l-infiq pubbliku ser jsir aktar akut fid-deċennji li ġejjin, billi l-ġhadd ta' pensjonanti għal kull ħaddiem huwa mistenni jżidied b'mod kostanti minħabba l-popolazzjoni li qed tixjieħ u t-tnaqqis fil-flussi ta' migrazzjoni netti. F'xenarju ta' ebda bidla fil-politika, il-Lussemburgu ser jiffaċċa waħda mill-akbar żidiet tal-Unjoni fl-infiq tal-pensjonijiet bħala sehem tal-PDG, fejn huwa pprojetat li dan ser jirdoppja għal madwar 18 % tal-PDG sal-2070, l-ogħla fl-Unjoni. Dan ser iwassal għal żieda sinifikanti fid-dejn pubbliku, li tpoġġi s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi f'riskju. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jindirizzax is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet. B'mod speċifiku, dak il-pjan ma jindirizzax l-effetti negattivi tal-iskemi ta' rtirar bikri u l-inċentivi finanzjarji biex wieħed jitlaq mis-suq tax-xogħol kmieni, li jikkontribwixxu għal rata baxxa ta' impjeg fost ħaddiema akbar fl-età. Iż-żieda fl-età effettiva tal-irtirar ikollha impatt makroekonomiku ta' benefiċċju u l-potenzjal li jitnaqqas l-infiq fuq il-pensjonijiet, peress li rata ogħla ta' ħaddiema akbar fl-età fl-impjeg tappoġġa t-tkabbir ekonomiku. Il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fl-Unjoni hija essenzjali biex: i) tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn id-ditti; ii) jiġi żgurat trattament ġust tal-kontribwenti; u iii) jiġu ssalvagwardjati l-finanzi pubbliċi. Il-Lussemburgu huwa ekonomija żgħira, miftuħa, b'settur finanzjarju internazzjonali kbir, li fil-biċċa l-kbira jispjega l-eżistenza ta' flussi finanzjarji kbar. Madankollu, dawk il-flussi jirriflettu wkoll il-preżenza ta' ħafna kumpaniji bi sjieda barranija fil-pajjiż, li huma involuti f'attivitajiet intragrupp tat-teżor. Punt partikolari ta' tħassib huwa n-nuqqas ta' taxxi minn ras il-ġhajn, jew miżuri ekwivalenti fuq pagamenti ta' imġax u royalties magħmula lil ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa jew żero lil hinn minn dawk il-pajjiżi inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx<sup>19</sup>. Il-pagamenti 'l barra ta' mġax u royalties minn kumpaniji bbażati fil-Lussemburgu għal ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jistgħu jkunu soġġetti għal ftit tassazzjoni jew l-ebda tassazzjoni jekk dawn il-pagamenti ma jiġux intaxxati jew intaxxati flivell baxx fil-ġurisdizzjoni riċeventi. Il-Lussemburgu ħa xi passi biex jiġġieled l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, sa issa dawn il-miżuri ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw dawk il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa, li jistgħu jintużaw minn kumpaniji multinazzjonali biex jinvolvu ruħhom f'ippjanar aggressiv tat-taxxa.

---

<sup>19</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (ĠU C 64, 21.2.2023, p. 17).

(29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Lussemburgu għadha għaddejja. Il-Lussemburgu ppreżenta l-ewwel talba għall-pagament fit-28 ta' Diċembru 2022, li tikkorrispondi għal 26 stadju importanti u miri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, għall-iżborż ta' EUR 20 miljun fl-ambitu tal-Faċilità. Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel valutazzjoni preliminari pożittiva tagħha fit-28 ta' April 2023. Il-Kunsill qed jiddiskuti t-talba għall-ħlas. L-istadji importanti u l-miri kkonċernati jinkludu d-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-"Patt ta' Akkomodazzjoni 2.0", bil-għan li żżid il-provvista ta' akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli offruta mill-muniċipalitajiet, investimenti għad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku għall-iżvilupp ta' komunikazzjoni ultra sigura, it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol bit-tneċċja tal-programm "FutureSkills", kif ukoll riforma għall-akkwist ta' vetturi nodfa. Il-Lussemburgu ppreżenta emenda tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu fil-11 ta' Novembru 2022, li ġie approvat mill-Kunsill fis-17 ta' Jannar 2023. Il-Lussemburgu huwa mistenni jippreżenta kapitolu REPowerEU u diġà ddeċieda li jittrasferixxi EUR 128.5 miljun mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità biex tiffinanzja l-implimentazzjoni tagħha. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tal-Lussemburgu fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involvement sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (30) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti ta' programmazzjoni kollha tal-politika ta' koeżjoni tal-Lussemburgu fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tizzied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fil-Lussemburgu.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Lussemburgu jiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali, b'mod partikolari s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, li jirriżultaw prinċipalment mis-sistema tal-pensjonijiet, lakuni legali li jistgħu jintużaw minn intrapriżi multinazzjonali involuti fl-ippjanar aggressiv tat-taxxa, vulnerabbiltajiet relatati ma' prezzijiet għoljin tad-djar u dejn għoli tal-unitajiet domestiċi, dgħufijiet fis-sistema tal-edukazzjoni li jżidu mal-inugwaljanza u kwistjonijiet relatati mal-politika tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi ostakli potenzjali għat-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili u kwistjonijiet bin-network tat-trasport.

(32) Il-ħiliet bażiċi u l-prestazzjoni ġenerali tal-istudenti jiddependu primarjament fuq l-isfond soċjoekonomiku u lingwistiku tagħhom. Il-livelli medji fl-għarfien u l-ħiliet ewlenin fl-età ta' 15-il sena, kif imkejla mill-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (Programme for International Student Assessment, PISA), huma ferm aktar baxxi fil-Lussemburgu mill-medja tal-Unjoni. Id-distakk bejn l-istudenti żvantaġġati u l-pari żvantaġġati tagħhom huwa akbar fil-Lussemburgu milli fi kwalunkwe pajjiż ieħor tal-Unjoni. Is-sistema edukattiva ma tagħtix lill-istudenti kollha ħiliet bażiċi biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-pajjiż. Il-lingwa mitkellma fis-sistema skolastika nazzjonali fil-livell primarju hija Lussemburgiża, filwaqt li l-istudenti jitgħallmu jaqraw u jiktbu bil-Ġermaniż. Is-suġġetti kollha (ħlief għall-Franċiż) jiġu mgħallma bil-Ġermaniż. Dan jikkostitwixxi domanda għolja ħafna għall-ħiliet lingwistiċi f'pajjiż fejn wieħed biss minn kull tliet studenti jitkellmu l-Lussemburgu bħala l-ewwel lingwa tagħhom. Is-sehem taż-żgħażaġh ta' bejn it-18 u l-24 sena li telqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ mingħajr ma lestew edukazzjoni sekondarja għolja żdied minn 6.3 % fl-2018 għal 8.2 % fl-2022. F'Settembru 2022, il-Lussemburgu nieda proġett pilota f'erba' skejjel primarji, fejn l-istudenti jibdew jitgħallmu l-ewwel bil-Franċiż u mbagħad bil-Ġermaniż. Jekk jiġi estiż għal aktar skejjel, dan l-approċċ jista' jgħin biex titjeb il-prestazzjoni tal-istudenti li l-ewwel lingwa tagħhom mhijiex il-Franċiż. Il-Lussemburgu żied ukoll il-provvista tiegħu ta' skejjel internazzjonali pubbliċi: mill-2022/2023, 4 % tal-istudenti fil-livelli ta' qabel il-primarja u tal-primarja huma rreġistrati f'dawn l-iskejjel, fejn jistgħu jagħżlu bejn l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż bħala l-lingwa tat-tagħlim. Jekk din l-għażla ta' tagħlim permezz ta' lingwa ewlenija waħda tiġi estiża biex tkopri parti akbar tal-popolazzjoni skolastika, din tista' ttejjeb b'mod sostanzjali l-possibiltajiet tal-istudenti li jiksbu riżultati ta' tagħlim aħjar.

(33) Is-sistema tal-enerġija tal-Lussemburgu hija kkaratterizzata minn dipendenza għolja fuq l-importazzjoni u fuq il-fjuwils fossili. Il-pajjiż huwa importatur nett kbira tal-enerġija. Huwa kważi kompletament dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija primarja, b'rata ta' dipendenza ta' 92 % fl-2021. Iż-żejt ipprovda 69 % tat-taħlita tal-enerġija tal-Lussemburgu, u l-gass naturali 18 %, filwaqt li 12 % kienet ġejja minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u laħaq kapaċità ta' 572 MW fl-2022. Il-Lussemburgu ma jimporta l-ebda żejt mir-Russja. Fir-rigward tal-gass, id-dipendenza fuq ir-Russja hija limitata billi kważi 100 % tal-gass ikkunsmat fil-Lussemburgu ġie importat minn pipelines mill-Belġju u mill-Ġermanja li joriġinaw min-Norveġja u min-Netherlands. Il-konsum tal-gass naturali tal-Lussemburgu żdied b'26 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 1369/2022<sup>20</sup>. Il-Lussemburgu jista' jkompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706<sup>21</sup>.

---

<sup>20</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

<sup>21</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tisħiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

(34) Filwaqt li l-Lussemburgu huwa interkonness f'termini kemm tal-enerġija kif ukoll tal-gass, ser ikun meħtieġ aktar investment b'antiċipazzjoni taż-żieda fil-ġenerazzjoni rinnovabbli u fid-domanda għall-enerġija. Il-Lussemburgu għandu jindirizza l-isfida ta' provvista insuffiċjenti ta' akkomodazzjoni filwaqt li jilħaq il-miri tiegħu dwar l-enerġija u l-klima. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi rinnovat l-istokk tal-bini eżistenti. B'20.8 % tal-potenzjal totali tal-iffrankar tal-enerġija (f'termini ta' GWh), is-settur tal-bini residenzjali u tar-rinnovazzjoni jirrappreżenta t-tieni l-akbar sors ta' potenzjal kumulattiv għall-iffrankar tal-enerġija sal-2030. Madwar 89 % tal-istokk tal-bini residenzjali juża sistemi tat-tiġin ibbażati fuq il-fjuwils fossili (żejt għat-tiġin u gass naturali). Il-muniċipalitajiet ser ikollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward. Il-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq hija ta' piż fuq l-ekonomija u fuq is-sostenibbiltà ambjentali. It-trasport jammonta għal sehem sinifikanti tal-konsum taż-żejt u għal 59 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra, li jitqabbel ma' medja tal-Unjoni ta' 24 % fl-2019. Filwaqt li l-Lussemburgu adotta xi miżuri rilevanti biex itejjeb il-mobilità sostenibbli, interventi addizzjonali u aktar immirati jgħinu sostanzjalment biex jitnaqqsu d-dipendenza fuq iż-żejt u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan huwa rifless fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP) tal-Lussemburgu, li jstabilixxi mira ta' 40 % ta' vetturi elettriċi u vetturi plug-in għall-flotta tal-vetturi sal-2030. Il-Lussemburgu stabbilixxa għalih innifsu l-mira li jsir newtrali għall-klima sal-2050. Fis-sinjuri reċenti, għamel progress konsiderevoli dwar l-enerġija rinnovabbli iżda jibqa' wieħed mill-Istati Membri bl-iktar sehem baxx ta' dawg l-enerġija. Ser ikunu meħtieġa aktar żidiet fl-ambizzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u żieda fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika għal-Lussemburgu biex jilħaq il-miri tal-enerġija tiegħu għall-2030 – li jikseb 25 % ta' enerġija mis-sorsi rinnovabbli u jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija b'40 % sa 44 % meta mqabbel mal-2007.

- (35) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Filwaqt li l-Lussemburgu żied l-isforzi tiegħu biex itejjeb il-ħiliet u jħarreġ mill-ġdid lill-ħaddiema f'setturi li sejr in lura u li qed jittrasformaw, in-nuqqas ta' ħaddiema jippersisti f'xi okkupazzjonijiet, inkluż maniġers tal-politika u tal-ippjanar. Dak in-nuqqas ta' ħaddiema jista' jwassal għal ostaklu possibbli fit-tranżizzjoni ekoloġika u fl-implimentazzjoni tar-REPowerEU.
- (36) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni<sup>22</sup> tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

---

<sup>22</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(37) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investiment privat biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għal-Lussemburgu, ir-Rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Lussemburgu jieħu azzjoni fl-2023 u l-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 4.8 %<sup>23</sup>.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-ġhotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Inaqqas ir-riskji relatati mas-suq tad-djar, b'mod partikolari billi jnaqqas id-deduċibbiltà tal-imgħax ipotekarju u billi jieħu miżuri biex tiżdied il-provvista ta' art li tista' tinbena. Jittratta s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, b'mod partikolari billi jillimita l-opzjonijiet tal-irtirar kmieni u billi jżid ir-rata ta' impjeg għall-ħaddiema akbar fl-età. Iżid l-azzjoni biex jindirizza b'mod effettiv l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, b'mod partikolari billi jiżgura tassazzjoni suffiċjenti ta' pagamenti 'l barra ta' mgħax u royalties għal ġuriżdizzjonijiet b'taxxa zero/baxxa.

---

<sup>23</sup> Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

2. Jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza rivedut tiegħu u jiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-għan li jibda l-implimentazzjoni tiegħu malajr. Jipproċedi bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Itejjeb il-prestazzjoni tas-sistema edukattiva skolastika u jippromwovi opportunitajiet indaqs għall-istudenti kollha, b'mod partikolari billi jadatta t-tagħlim għall-ħtiġijiet ta' studenti żvantaġġati u dawk minn sfondi lingwistiċi varji.
4. Inaqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jaċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli, iżid il-kapaċità ta' trażmissjoni tal-elettriku, iħaffef il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u jinvesti fl-effiċjenza enerġetika kemm fis-settur residenzjali kif ukoll f'dak mhux residenzjali. Jappoġġa lill-muniċipalitajiet fl-iżvilupp ta' pjanijiet lokali dettaljati għall-użu tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-enerġija mir-riħ u l-fotovoltajċi, u għas-sistemi tat-tiħin u t-tkessiħ distrettwali. Jippromwovi aktar l-eletrifikazzjoni tat-trasport u jinvesti fin-networks u l-infrastruttura tat-trasport pubbliku. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*